## Il-Ħadd, 9 ta' Awwissu 2020

Lil Ġesù, id-dixxipli rawh miexi fuq il-baħar u twerwru ... Iżda hu qalilhom: "Agħmlu l-qalb, jiena hu!" Wieġeb Pietru u qallu: "Mulej, jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma." "Ejja!", qallu Ġesù. Pietru niżel mid-dgħajsa, u qabad jimxi fuq l-ilma u jersaq lejn Ġesù. Iżda meta ra li r-riħ kien qawwi, beża', ħabat jegħreq, u beda jgħajjat u jgħid: "Salvani, Mulej!" Malajr Ġesù medd idu, qabdu, u qallu: "Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt?" Meta t-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf. Dawk li kienu fid-dgħajsa nxteħtu jqimuh u qalulu: "Tassew, int Bin Alla!"

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 14, versi 26b. 27-33***

**166**

"Il-ġrajja tal-lum tfakkarna li l-fidi fil-Mulej u fil-kelma tiegħu ma tiftħilniex triq li fiha kollox ikun ħafif u kalm; ma toftomniex mit-tempesti tal-ħajja. Il-fidi ttina s-sigurtà ta' Preżenza, il-preżenza ta' Ġesù li tagħtina mbuttatura biex negħlbu l-irwiefen tal-ħajja, iċ-ċertezza li hemm id li qed taħtafna biex tgħinna naffrontaw id-diffikultajiet, li turina t-triq anki meta jkun id-dlam. Fi kliem ieħor, il-fidi mhijiex ħarba mill-problemi tal-ħajja, imma hija qawwa li tirfidna fil-mixja u li tagħtiha sens."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 13 Awwissu 2017

# Id li tirfed

*Għaliex inħabbt*
*fuq il-bieb*
*ta' Kristu?*

*Il-fidi fih*
*fejn trid*
*twassalni?*

Kemm nixtieq, Mulej,
li jien inżommok fid-dgħajsa tal-ħajja tiegħi
dejjem,
sew meta ebda riħ
ma jkun qed jonfoħ kontra tagħha
u sew meta l-irwiefen
jingħaqdu bis-saħħa kollha tagħhom kontrieha.
U dan,
biex jien nibqa' dejjem miftuħ
għall-preżenza tiegħek:
preżenza li tagħtini l-ħajja,
preżenza li timlieni,
preżenza li taħtafni b'imħabba li ma tkejjilhiex.
Ħallini nemmen tabilħaqq
li jien għal kollox inkun niflaħ
bis-saħħa tal-imħabba tiegħek li tqawwini.

## It-Tnejn, 10 ta’ Awwissu 2020

Ġesù staqsa lil Pietru:
“Int x’jidhirlek, Xmun?
Is-slaten tal-art mingħand min
jiġbruha t-taxxa jew il-ħaraġ,
mingħand is-sudditi
jew mingħand il-barranin?”
“Mingħand il-barranin”,
wieġbu Pietru. U Ġesù qallu:
“Mela s-sudditi meħlusa minnha.
Iżda, biex ma tkun ta’ ebda skandlu
għalihom, asal wasla sal-baħar,
ixħet ix-xlief u, l-ewwel ħuta
li ttalla’, aqbadha, iftħilha ħalqha,
u għandek issib munita tal-fidda;
ħudha minn hemm
u mur agħtiha lilhom
għalija u għalik.”

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 17, versi 25b-27***

**167**

“Jekk jirnexxilek
tapprezza bil-qalb
il-ġmiel tal-Aħbar it-tajba
u tħalli lill-Mulej
jiġi jiltaqa’ miegħek;
jekk tħallih iħobbok
u jsalvak;
jekk tidħol fi ħbiberija miegħu
u tibda tiddjaloga ma’ Kristu ħaj
fuq il-ħwejjeġ konkreti ta’ ħajtek,
din issir l-esperjenza l-kbira,
issir l-esperjenza fundamentali
li twieżen
il-ħajja nisranija tiegħek.”

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Postsinodali, *Christus Vivit*, nru 129,
25 Marzu 2019

*Il-ġrajjiet tiegħi*
*ta' kuljum*
*niftaħhom*
*lil Alla?*

*Hemm*
*xi rkejjen f'ħajti*
*li lil Alla*
*ma nħallihx*
*jidħol fihom?*

# Djalogu ħaj

Ħajti, Mulej, tinteressak kollha kemm hi,
b'kull sekonda li tgħaddi minnha, għax tħobbni.
Jinteressak li niġi għandek u nkellmek
dwar xi ħaġa li tkun marret tajjeb;
imma jinteressak ukoll li niġi għandek u nkellmek
dwar xi taħwida li nkun għamilt.
Jinteressak li niġi għandek u nkellmek
dwar xi ġest ta' mħabba li nkun għamilt jew irċevejt;
imma jinteressak ukoll li niġi għandek u nkellmek
dwar xi għażla ħażina li nkun għamilt jien
jew li jkun għamel ħaddieħor.
Jinteressak li niġi għandek u nkellmek
dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu miegħek;
imma jinteressak ukoll li niġi għandek u nkellmek
dwar dmirijiet ċivili.
Nista' ma niġix għandek?

## It-Tlieta, 11 ta' Awwissu 2020

Resqu d-dixxipli lejn Ġesù
u staqsewh:
"Min hu l-akbar
fis-Saltna tas-Smewwiet?"
Hu sejjaħ lejh
tfajjel ċkejken,
qiegħdu f'nofshom
u qalilhom:
"Tassew ngħidilkom,
li jekk intom ma terġgħux
issiru bħat-tfal iż-żgħar,
żgur li ma tidħlux
fis-Saltna tas-Smewwiet.
U għalhekk l-ikbar wieħed
fis-Saltna tas-Smewwiet
huwa dak li jċekken lilu nnifsu
bħal dan it-tfajjel żgħir."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 18, versi 1-4***

# 168

"Il-kobor veru tal-bniedem hu meta jkun kapaċi jiċċekken quddiem Alla. Għax lil Alla ma nsirux nafuh bi ħsibijiet għoljin u b'ħafna studju, imma biċ-ċokon ta' qalb umli u fiduċjuża. Biex inkunu kbar quddiem Dak li hu l-Aktar Għoli hemm bżonn li nitbattlu minna nfusna. It-tfajjel hu dak li m'għandu xejn x'jagħti u għandu kollox x'jirċievi. Hu dgħajjef, jiddependi minn missieru u minn ommu. Min jiċċekken bħal tfajjel ċkejken jiftaqar minnu nnifsu, imma jistagħna b'Alla."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,* Tbilisi,
Vjaġġ Appostoliku fil-Georgia, 1 Ottubru 2016

*Jien bniedem*
*mimli*
*bija nnifsi?*

*X'qed nagħmel*
*biex infieq*
*mis-suppervja*
*tiegħi?*

# Biex tkun kbir

Biex tkun kbir quddiem Alla,
trid tkun żgħir!
Inti stess turina, Mulej, din il-verità:
Alla lilek jgħollik
u jżejnek bl-Isem li hu fuq kull isem
meta Inti tiċċekken,
meta Inti tbaxxi rasek għaliH
b'fiduċja assoluta fiH sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.
Battalni minni nnifsi:
battalni minn kull għamla ta' suppervja,
ta' arroganza.
Wara kollox,
mingħajrek biex nista' nitkabbar,
biex nista' niddandan,
biex nista' nitkessaħ?

## L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub,
mur sibu waħdu u widdbu.
Jekk jisma' minnek,
tkun irbaħt lura lil ħuk.
Jekk ma jismax, erġa' mur
u ħu miegħek wieħed jew tnejn
oħra, biex kulma jingħad
jissaħħaħ
bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta.
Jekk imbagħad anqas minnhom
ma jkun irid jisma',
mur għid lill-knisja.
U jekk anqas mill-knisja
ma jkun irid jisma'
żommu b'wieħed pagan
u pubblikan."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 18, versi 15-17***



"Edukatur tajjeb
jimmira lejn l-essenzjal.
Ma jintilifx fid-dettalji,
imma jaħseb kif ħa jittrasmetti
dak li tabilħaqq jiswa
biex l-iben jew l-istudent
isib is-sens u l-ferħ tal-ħajja.
Din hi l-verità.
U l-essenzjal, skont il-Vanġelu,
hu l-ħniena ...
Jista' jeżisti nisrani
li ma jurix ħniena? Le.
In-nisrani neċessarjament
għandu jkun ħanin,
għax din hija l-qalba tal-Vanġelu."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 7 Settembru 2014

# Li tikkoreġi

*Inħossni responsabbli tal-oħrajn?*

*Korrezzjoni fejn ikun meħtieġ, kif nagħmilha?*

Lil min jagħmel xi korrezzjoni lil xi ħadd,
hija l-ħniena, Mulej,
li tagħtih id-direzzjoni t-tajba;
hija l-ħniena
li tgħinu jinkwadra fil-perspettiva proprja
lil min ikun żbalja;
hija l-ħniena
li tiddettalu kif saħansitra jħares
lejn l-iżball li xi ħadd ikun għamel;
Imlieni bil-ħniena, Mulej,
meta niġi biex nikkoreġi lil xi ħadd,
li ma mmurx allaħares qatt
din il-ħaġa nwettaqha
b'sens ta' superjorità falza,
jew - agħar minn hekk -
b'xi skop biex inbaxxi lil dak li jkun.

## Il-Ħamis, 13 ta' Awwissu 2020

Pietru
resaq
lejn Ġesù
u qallu:
"Mulej,
xi kemm-il darba
jrid jonqosni ħija
biex
jiena naħfirlu?
Sa
seba' darbiet?"
Wieġbu
Ġesù:
"Ma ngħidlekx
sa seba' darbiet.
Imma
sa sebgħa u sebgħin darba."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 18, versi 21-22***

# 170

"L-imħabba ta' Kristu,
imsawba fil-qlub tagħna
mill-Ispirtu s-Santu, tagħtina
l-qawwa li ngħixu u li nkunu hekk:
persuni li kapaċi naħfru dejjem;
li nafdaw dejjem
għax mimlijin fidi f'Alla;
li nnisslu dejjem it-tama
għax mimlijin tama f'Alla;
persuni li jafu jissaportu
bil-paċenzja
kull sitwazzjoni u kull bniedem,
f'għaqda ma' Ġesù,
li ħa fuqu b'imħabba
t-toqol ta' dnubietna kollha."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija*,
Bażilika tal-Vatikan, Konċistorju, 18 Frar 2015

*Hemm xi ħadd*
*li jien*
*qed neskludi*
*mill-maħfra*
*tiegħi?*

*Miftuħ jien*
*għall-qawwa*
*ta' Alla*
*li jrid jagħmilni*
*bħalu*
*f'kemm naħfer?*

# Sebgħa u sebgħin

Jien ukoll, Mulej,
nagħmillek il-mistoqsija li jagħmillek Pietru,
bil-ħsieb
li forsi tgħidli li hemm limitu għal kollox,
anki għall-maħfra;
bil-ħsieb li forsi tgħidli li hemm xi drabi
li fihom jien nista' niżgiċċa minnha!
Imma t-tweġiba tiegħek hija ċara u radikali:
maħfra lil kulħadd u dejjem.
Maħfra bħal din,
ma nistax ngħid li mhijex sabiħa,
imma tqila, Mulej.
Għalhekk nitolbok:
qawwini, saħħaħni, wessagħli qalbi,
Inti li lili - u mhux lili biss -
taħfirli dejjem u kollox.

## Il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu 2020

Id-dixxipli qalu lil Ġesù:
"La din hi l-kondizzjoni
tar-raġel mal-mara,
ma jaqbilx li wieħed jiżżewweġ."
Iżda hu qalilhom:
"Mhux kulħadd jifhimha
din il-ħaġa,
imma dawk
li lilhom jingħata li jifhmuha.
Hemm ewnuki
li jitwieldu hekk
minn ġuf ommhom,
oħrajn jagħmluhom hekk in-nies,
u hemm oħrajn
li jsiru hekk minn rajhom
minħabba s-Saltna tas-Smewwiet.
Min jista' jifhem, jifhem."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 19, versi 10-12***

# 171

"Ir-rabta ma' Alla mhijiex xi ħaġa
li għandha x'taqsam biss ma' parti
minna nfusna; għandha x'taqsam
ma' kulma aħna u għandna. Dik ta'
Alla hija mħabba hekk kbira, sabiħa,
vera, li jistħoqqilha l-fiduċja kollha
tagħna. Il-verġinità minħabba
s-Saltna ta' Alla mhijiex xi ħaġa
li biha tgħid 'Le'; biha tkun qed
tgħid 'Iva'! Huwa minnu li din
titlob rinunzja għal rabta konjugali
u għal familja li tkun tiegħek,
imma fil-qiegħ hemm l-'Iva',
bħall-'Iva' totali ta' Kristu lejna;
u din l-'Iva' tagħmel il-frott."

PAPA FRANĠISKU,
*Laqgħa maż-Żgħażagħ,* Umbria, 4 Ottubru 2013

# Minħabba s-Saltna

*X'importanza*
*għandha*
*s-Saltna*
*ta' Alla*
*għalija?*

*X'qed nagħmel*
*biex*
*niskopri aħjar*
*is-sehem tiegħi*
*fiha?*

Għaliex hija s-saltna ta' Alla,
ta' min wieħed jgħid 'Iva' għaliha.
Għaliex hija s-Saltna Tiegħu,
ta' min wieħed jidħol għaliha
b'ruħu u ġismu!
Għaliex hija s-Saltna Tiegħu,
ta' min jirriskja
kulma hu u kulma għandu
minħabba fiha.
Għaliex hija s-Saltna Tiegħu
ta' min iħalliha tiddettalu kollox hi.
U għalhekk, Mulej,
għinna nagħrfu dejjem aħjar
kif minn din id-dinja stess
Inti tridna nilqgħu s-Saltna Tiegħek,
u kif nagħtu xhieda sabiħa tagħha.

## Is-Sibt, 15 ta' Awwissu 2020

Marija qalet:
"Ruħi tfaħħar
il-kobor tal-Mulej,
u l-Ispirtu tiegħi
jifraħ f'Alla
s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon
tal-qaddejja tiegħu.
Iva,
minn issa 'l quddiem
kull nisel
jibda jsejjaħli hienja,
għax is-Setgħani
għamel miegħi
ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 1, versi 46-49***



"Ir-realtà tal-Assunzjoni ta' Marija
turi u tikkonferma l-għaqda
li hemm fil-persuna umana,
u tfakkarna li aħna msejħin
biex inservu u nigglorifikaw lil Alla
bir-ruħ u bil-ġisem. Li sservi 'l Alla
bil-ġisem biss tkun azzjoni ta' lsir;
li sservih bir-ruħ biss ikun
f'kuntrast man-natura umana
tagħna ... Jekk ngħixu fil-qadi
bil-ferħ lil Alla, li jkun muri wkoll
fil-qadi ġeneruż ta' ħutna,
id-destin tagħna fil-qawmien
mill-imwiet għandu jkun jixbaħ
dak tal-Omm tagħna tas-sema."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 15 Awwissu 2018

*Il-fatt*
*li Alla ħalaqni*
*ġisem u ruħ,*
*dawn*
*kif qed*
*nintegrahom*
*f'ħajti?*

*Nemmen li,*
*bħal Marija,*
*jien se nkun*
*fi ħdan Alla*
*għal dejjem*
*bir-ruħ*
*u bil-ġisem?*

# Persuna sħiħa

Bl-ispirtu tagħha
Marija tfaħħar il-kobor tiegħek, Mulej;
bil-ġisem tagħha
tlaħħam dan it-tifħir lill-kobor tiegħek
u tagħtih isem: Ġesù.
Bl-ispirtu tagħha,
Marija tfittex li tingħaqad ma' Alla
u taqdiH bil-ferħ;
bil-ġisem tagħha
tfittex li ssir ħaġa waħda miegħU
u tara lilU fil-bnedmin li taqdihom minn qalbha.
Bl-ispirtu tagħha
Marija tifraħ fis-Salvatur tagħha;
bil-ġisem tagħha
twassal dan il-ferħ veru lil kull min jiltaqa' magħha.
Agħtina l-grazzja li nkunu bħalha.